Kelma tal-Ħajja

# Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh (1 *Tess* 5, 21).

Il-Kelma tal-Ħajja ta' dan ix-xahar hi meħuda minn sensiela ta' rakkomandazzjonijiet tal-aħħar li l-Appostlu San Pawl għamel lill-komunità tat-Tessalonkin: "Ixxekklux l-Ispirtu, tmaqdrux il-profeziji. Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh, u fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen"[1]. F'dan il-kliem għandna profezija u dixxerniment, djalogu u smigħ. Dawn kienu l-pariri li l-appostlu ta lill-komunità li kienet għadha kif bdiet il-mixja tagħha tal-fidi.

Fost il-ħafna doni tal-Ispirtu, Pawlu kellu ħafna għal qalbu d-don tal-profezija [2]. Il-profeta mhuwiex dak li jgħid x'se jseħħ fil-futur, imma hu dak li jkollu d-don li jara u jifhem l-istorja personali u kollettiva kif jaraha Alla.

Imma d-doni kollha huma mmexxija mill-akbar don, l-imħabba, l-imħabba ta' bejn l-aħwa [3]. Santu Wistin jgħid li bl-imħabba biss ikollna l-ħila nifhmu x'għandna nagħmlu fis-sitwazzjonijiet li nsibu ruħna fihom [4].

**Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh.**

Jeħtieġilna naslu biex inħarsu mhux biss lejn id-doni personali, imma wkoll lejn il-ħafna ħiliet u modi differenti ta' kif jaħsbuha dawk li jkunu qrib tagħna u li magħhom nitkellmu, anki forsi dawk li niltaqgħu magħhom b'kumbinazzjoni. Importanti ħafna hi li nkunu onesti ma' kulħadd, u nagħrfu sew il-limiti tal-opinjonijiet tagħna.

Din il-Kelma tal-ħajja tista' tgħinna f'kull sitwazzjoni ta' djalogu u konfront. Tisma' lill-oħrajn ma jfissirx li bilfors taqbel ma' dak kollu li jgħidu, imma tagħraf li jista' jkun hemm xi ħaġa tajba f'dak li jgħidu, u hekk moħħna u qalbna jinfetħu. Bl-imħabba rridu nagħmlu l-vojt fina u b'hekk inkunu nistgħu nibnu xi ħaġa flimkien.

**Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh.**

Patri Timothy Radcliffe, wieħed mit-teoloġi li kien fis-Sinodu tal-Isqfijiet tal-Knisja Kattolika, stqarr li "l-aktar ħaġa kuraġġuża li nistgħu nagħmlu f'dan is-Sinodu hi li nkunu sinċiera bejnietna fejn jidħlu d-dubji u l-mistoqsijiet tagħna li ma jkollniex risposti ċari għalihom. Għalhekk irridu nersqu lejn xulxin bħala sieħba li qed ifittxu, bħala tallaba tal-verità [5].

F'taħdita ma' xi fokolarini, Margaret Karram għamlet dan il-kumment dwar din ir-riflessjoni: "Jiena u naħseb ftit, indunajt li ħafna drabi ma kellix il-kuraġġ ngħid dak li verament kont qed naħseb: forsi għax bżajt li ma jifhmunix, forsi għax ma ridtx ngħid xi ħaġa għal kollox differenti mill-opinjoni

FRAR 2025
ĦARĠA 2

moviment tal-fokolari
www.focolaremalta.org

tal-maġġoranza. Fhimt li, biex 'inkunu tallaba tal-verità' jfisser li għandu jkollna l-ħila nersqu lejn ħaddieħor, lejn xulxin, għax ilkoll irridu dak li Alla jrid, għax ilkoll flimkien qed infittxu dak li hu tajjeb" [6].

**Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh.**

Din hi l-esperjenza ta' Antía, li qed tieħu sehem fil-grupp tal-performing arts li jismu Mosaico, li twaqqaf fi Spanja fl-2017 bħala Proġett Lokali tal-Gen Rosso. F'dan il-grupp hemm żgħażagħ Spanjoli li permezz tal-arti u l-werkxops tagħhom joffru l-esperjenza ta' fraternità.

Antía tirrakkonta: "Dawn il-werkxops jaqblu mal-valuri tiegħi: dinja li fiha ngħixu ta' aħwa, fejn kull bniedem (żgħażagħ, persuni bla esperjenza u oħrajn vulnerabbli...) jagħti sehmu f'dan il-proġett. 'Mosaico' jġegħilni nemmen li dinja aktar magħquda mhijiex ħolma, minkejja d-diffikultajiet u x-xogħol iebes li rridu nagħmlu. Jien trabbejt naħdem fi grupp, fejn id-djalogu xi drabi jista' jidher sinċier iżżejjed. Ta' spiss kien ikolli nċedi l-idejat tiegħi li kont naħseb li kienu l-aħjar. Ir-riżultat hu li "t-tajjeb" jinbena biċċa biċċa lkoll flimkien, minn kull waħda u wieħed minna" [7].

Patrizia Mazzola u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

1: 1 *Tess* 5, 19-22.

2: Ara Ġwanni Pawlu II, Udjenza Ġenerali, 24.06.1992, n.7.

3: Ara 1 *Kor* 13.

4: Ara Wistin ta' Ippona, Ep. Jo. 7, 8.

5: Patri Timothy Radcliffe, Meditazzjoni nru. 3, Ħbiberija, Sinodu tal-Isqfijiet, Sacrofano, 2.10.2023.

6: Taħdita mal-Fokolarini, Margaret Karram, President tal-Moviment tal-Fokolari, Rocca di Papa, 3.02.2024.

7: Mosaico GRLP jagħmel parti mill-proġett Qawwija mingħajr vjolenza, li bih inwasslu f'postijiet ġodda laboratorji multi-dixxiplinarji maż-żgħażagħ matul tlett ijiem. Dan biex jixxandru l-valuri ta' non-vjolenza, paċi u djalogu permezz tal-arti.

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**